MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 1189/2012

Qorti Civili, Prim'Awla

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru:- 1189/2012AE

**Rita Galea u zewgha Louis Galea**

**Vs**

**Arriva Malta Limited illum bl-isem ta' Malta Public Transport Services (Operations Limited), Mario Bugeja u Charmaine Baldacchino li gie imsejha fil-kawza b'digriet tal-14 ta' Mejju 2014**

Permezz ta' rikors prezentat fid-29 ta' Novembru 2012, l-atturi ppremettew u talbu:-

*1. Premess illi nhar it-13 ta' Frar 2012 ir-rikorrenti Rita Galea kienet passiggiera fuq ix-xarabank tal-kumpanija intimata Arriva Malta Limited bin-numru ta' registrazzjoni BUS 254 tat-tip bendy-bus misjuqa mill-intimat l-iehor Mario Bugeja bhala mpjegat tas-socjeta' intimata Arriva Malta Limited;*

*2. U premess illi fil-gurnata msemmija, u cioe' dik tat-13 ta' Frar 2012 waqt li r-rikorrenti Rita Galea kienet passiggiera fuq l-imsemmija xarabank sehh incident fi Triq ix-Xatt Msida u b'konsegwenza diretta tal-istess incident ir-rikorrenti Rita Galea sofriet debilita' permanenti kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dan ir-rikors;*

*3. U premess illi b'rizultat dirett tal-imsemmi incident ir-rikorrenti Rita Galea sofriet telf ta' qliegh, dizabilita' permanenti u danni konsegwenzjali;*

*4. U premess illi l-imsemmi incident sehh tort, b'negligenza, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tas-sewqan u traffiku da parti tal-intimat Mario Bugeja;*

*5. U premess illi l-intimati gew interpellati sabiex jghaddu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mir-rikorrenti, u dan kemm permezz ta' ittra legali datata t-23 ta' Mejju 2012 (ara Dok. A hawn anness) kif ukoll permezz t'ittra ufficcjali datata t-28 ta' Settembru 2012 (ara Dok. B hawn anness) izda baqghu inadempjenti.*

Għaldaqstant, l-atturi jitolbu għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

*1. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom huma responsabbli ghall-incident li sehh fit-13 ta' Frar 2012, f'liema incident korriet ir-rikorrenti Rita Galea;*

*2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-incident imsemmi;*

*3. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati.*

*B'riserva ta' kull azzjoni fil-ligi, u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali datata t-23 ta' Mejju 2012 kif ukoll tal-ittra ufficcjali tat-28 ta' Settembru 2012, kontra l-intimati jew min minnhom li huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni.*

Permezz ta' risposta prezentata fis-17 ta' Jannar 2013, il-konvenut Mario Bugeja wiegeb:-

*1. Illi t-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, stante illi l-esponenti m'huwiex responsabbli ghall-incident stradali mertu tal-kawza odjerna;*

*2. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti jridu jaghmlu l-prova tad-danni rejalment subiti minnhom;*

Permezz ta' risposta prezentata fid-9 ta' Gunju 2014, il-konvenuta kjamata in kawza Charmaine Baldacchino wiegbet:-

*1. Illi hija ma kienet involuta fl-ebda incident tat-traffiku fit-13 ta' Frar 2012 gewwa l-Pieta' waqt li kienet qed issuq il-vettura numru XRM 555 u lanqas ma kienet il-kagun ta' xi incident li fih allegatament korriet Rita Galea, u ghalhekk l-ebda ammont ma huwa dovut minnha in linea ta' danni lir-rikorrenti;*

*2. Illi jidher car minn mill-fatti kif esposti illi dan l-incident gara tort u htija*

*biss tal-intimat Mario Bugeja, is-sewwieq tax-xarabank numru BUS 254, li dak il-hin kien qed isuq b'mod negligent u imprudent billi kien qed isuq b'speed eccessiv, kif ukoll jidher li naqas milli jzomm distanza adekwata mill-vettura ta' quddiemu kif huwa kien obligat li jaghmel u dana kif sejjer jigi spjegat ahjar tul il-mori tal-kawza;*

*3. Illi in vista tas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti ghandhom kollha jigu michuda bl-ispejjes, billi kien Mario Bugeja li kien unikament responsabbli ghall-incident meritu ta' din il-kawza.*

**Kwistjoni**.

Il-kaz jitratta dwar incident li sehh fit-13 ta' Frar 2012 waqt li l-attrici kienet passiggiera fuq xarabank numru BUS 254 li kienet qeghda tinstaq mill-konvenut Bugeja. Jirrizulta li f'hin minnhom il-konvenut zamm brejk bil-konsegwenza li l-attrici habtet rasha ma' hadida orrizontali li kien hemm fix-xarabank u sofriet griehi f'rasha. Il-konvenut Bugeja jsostni li dak li gara kien tort tax-xufier tal-vettura XRM 555.

**Konsiderazzjonijiet**.

1. Il-konvenut isostni li l-incident sehh tort tal-imsejjha fil-kawza. Fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2013 xehed:

   *"[....] effettivament kont miexi bil-mod ghax kienu t-tmienja ta' filghoud (8.00 am) u kien hemm pjuttost traffiku, pero kien hemm tul ta' zewg (2) xarabanks quddiemi, pero'* ***f'daqqa wahda giet vettura, dahlet quddiemi u zammet f'daqqa wahda. Dahlet quddiemi..... u f'daqqa wahda dahret hekk, biex tidhol gol parking****. Effettivament jien kelli nibbrekja dak il-hin."* (fol. 68).

   Il-konvenut xehed li x-xarbank kellu velocita' ta' bejn ghoxrin (20) u hamsa u ghoxrin (25) kilometru fis-siegha.

   Fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2014 xehed PS1354 Claudio Coppola li nvestiga l-incident u mar fil-post:

*"Nikkonferma li kien hemm distanza ta' bejn wiehed u iehor ta' xi hamsin metru minn fejn kien hemm il-parti ta' quddiem tax-xarabank sa fejn kien hemm il-garaxx fejn dahlet din il-vettura XRM. Jien sibt din ix-xarabank wieqfa ftit l-isfel fejn hemm id-dealer"* (fol. 100B).

Il-verzjoni li l-konvenut ta lill-pulizija hi differenti minn dak li xehed fil-qorti. Fil-fatt fir-rapport jinghad li l-konvenut qal:

*"[....] while he was driving in Marina Street, Msida at one point a vehicle with registration number XRM 555 that was in front of him stopped to drive into one of the garages in the mentioned street"* (fol. 107).

Fl-ebda parti tar-rapport ma jissemma li Bugeja qal lill-pulizija li kienet dahlet vettura quddiemu ghal gharrieda, kif xehed f'din il-kawza. Ghalhekk il-verzjoni tieghu meta xehed fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2013 ma titwemminx. Il-qorti lanqas ma temmen li x-xarbank kienet qeghda tinstaq b'velocita ta' bejn 20 u 25 kilometru fis-siegha. Ghalkemm hi vettura kbira, l-attrici spjegat:

*"Kif wasalna x-Xatt ta' Ta' Xbiex, Msida, f'temp ta' ftit sekondi x-xufier Mario Bugeja ha* ***break qawwi*** *li b'konsegwenza tieghu sibt ruhi mtajra mis-seat tieghi u lqatt b'impatt kbir il-pole tal-hadid li kien hemm quddiem is-seat tieghi"* (fol. 42).

Il-vjolenza tal-impatt tidher ukoll mit-ticrita konsiderevoli li l-attrici sofriet fuq mohha (ara ritratti Dok. P a fol. 37). L-indikazzjoni hi li x-xarabank kien qieghed jinstaq b'iktar velocita' minn dik li semma l-konvenut Bugeja.

Irrizulta li x-xufier tal-vettura l-ohra kienet Charmaine Baldacchino li xehedet li riedet tidhol fil-parking area tal-ufficcini tad-ditta ta' awdituri KPMG fejn kienet tahdem bhala awditur; *"Taht l-ufficcju tieghi hemm garage spaces, u ghalhekk meta kont lura mill-ufficcju tul ta' xi mitt metru ghamilt l-indicator tax-xellug u bdejt innaqqas lis-speed tieghi. Jiena dhalt regolarment fil-garaxx, minghajr ma fixkilt l-ebda traffiku iehor li dak il-hin kien ghaddej fit-triq"* (fol. 109). Min-naha tieghu l-konvenut kemm meta xehed u wkoll meta tkellem mal-pulizija, qal li ma jiftakarx jekk il-vettura XRM 555 kellhiex l-indicator mixghul. Il-verzjoni li tat l-attrici ma gietx kontradetta. Gialadarba l-vettura misjuqa minn Baldacchino kellha l-indicator mixghul, il-konvenut kien avzat li l-vettura ser iddur. Hu veru li l-konvenut ressaq bhala xhud lil Lorraine Vella li xehedet: *"Meta wasalna l-Pieta', hdejn Portico Buildings, fejn hemm qiesu garaxxijiet, kien hemm vettura li jidhirli kienet bajda li f'daqqa wahda minn quddiem ix-xarabank dahret ghal fuq ix-xellug biex tidhol gewwa Portico Buildings"* (fol. 87). Pero Baldacchino xehedet li kienet xeghlet l-indicator xi mitt metru qabel dahlet fil-parking area tal-ufficcju. Fir-rapport tal-pulizija jinghad li meta sar kuntatt maghha, qalet: *"[....] she added that she always drives slowly and use the indicator to enter into her work garage and could not drive fast as at that time the road there, is very busy"* (fol. 107). Mela l-konvenut kien avzat minn qabel li l-vettura XRM 555 kienet ser iddur ghal

gewwa l-parking area. Kellu bizzejjed hin sabiex jipprepara ruhu u jzomm ukoll id-distanza necessarja mill-vettura l-ohra. Hu maghruf li:-

*"Is-sewwieq ta' wara ghandu: (1) ikollu l-karozza taht il-kontroll tieghu b'mod li jieqaf meta l-karozza ta' quddiemu tieqaf; (2) l-obbligu li jzomm certu distanza mill-karrozza ta' quddiemu, ghaddej bi speed li jkun jista' jieqaf jekk jieqaf ta' quddiemu; u (3) izomm a propert lookout biex jekk ta' quddiemu jieqaf, jaraha tieqaf mill-ewwel u jieqaf"* (**Brian Mizzi et nomine vs John Ciappara** deciza mill-Prim'Awla[1] 26 ta' Marzu 2003).

Sahansitra l-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz u mar fil-post, xehed:-

*"Nikkonferma li kien hemm* ***distanza ta' bejn wiehed u iehor ta' xi hamsin metru minn fejn kien hemm il-parti ta' quddiem tax-xarabank sa fejn kien hemm il-garaxx*** *fejn dahlet din il-vettura XRM"* (fol. 100B).

Verzjoni li tikkontrasta sew mal-verzjoni tal-konvenut li l-vettura tal-imsejha fil-kawza hasditu ghaliex dahret f'daqqa.

Il-konkluzjoni tal-qorti hi li dak li gara kien minhabba nuqqas ta' *proper lookout* min-naha tal-konvenut. M'hemmx provi li l-kumpannija kellha xi responsabbilta' ghall-incident.

2. Ghal dak li jikkoncerna l-likwidazzjoni tad-danni, minhabba l-griehi li sofriet il-konvenuta ghad ghandha *scar* fuq mohha (ara ritratti a fol. 44-45). Il-perit mediku Charles Swain irrelata:-

*"Ic-cikkatrici fuq il-mohh tas-sinjura Spiteri hi ta' natura permanenti, se tibqa' vizibbli u tammonta ghal sfregju moderat. In-neuroma li tirrizulta mill-fejqan mhux perfett ta' nervitura kutaneja iggorr maghha certu inkonvenjenza pero mhix ta' periklu ghal sahhitha. Wiehed jista' jghid l-istess madwar in-nuqqas ta' sensazzjoni.*

*Meta wiehed jikkonsidra dawn it-tlett element f'daqqa, wiehed jikkonkludi li hemm dizabilita' permanenti, kawza diretta ta' l-incident li s-Sinjura Galea kellha fit-13 ta' Frar 2012. Dan jammonta ghal hamsa fil-mija (5%) tal-persuna totali"* (fol. 55).

Ma saret l-ebda kritika ghal din il-konkluzjoni.

[1] Imhallef N. Cuschieri.

L-attrici twieldet fil-31 ta' Jannar 1957 (fol. 77 u 81). Ghalhekk fid-data tal-incident kellha 55 sena. Hi mara tad-dar li tahdem part-time fis-siegha bhal hajjata ghall-lukanda. Ghal dak li jikkoncerna d-dhul l-attrici pprezentat biss zewg dokumenti li (fol. 29-30) li juru li fil-perjodu bejn id-9 ta' Jannar 2012 u 5 ta' Frar 2012 kellha dhul ta' cirka €175 fil-gimgha. M'huwiex maghruf jekk dan huwiex dhul kostanti gialadarba l-attrici xehedet li tahdem bis-siegha. Il-qorti qieset ukoll il-paga minima nazzjonali li fis-sena 2012 ghall-persuni 'l fuq minn 18 il-sena kienet ta' €158.11 fil-gimgha (Ligi Sussidjarja 452.71). Din is-sena l-paga minima nazzjonali hi ta' €166.26 kull gimgha.

Wara li l-qorti qieset dawn il-fatturi ser taghmel il-kalkoli fuq dhul ta' €175[2] fil-gimgha.

Ghaldaqstant, id-danni dovuti lill-attrici huma:-

€175 x 52 gimgha x 9 snin x 5% – 16%[3] = **€3,439.80**

Ma' din ic-cifra ghandhom jizdiedu spejjez medici li ghamlet l-attrici:

- €48, hlas li sar St. James Hospital;
- €140, hlas ghar-rapport mahrug minn Mr J.E. Briffa;
- €72.31, xiri ta' medicini.

**Total: €260.31**.

F'dan ir-rigward l-attrici pprezentat ir-ricevuti u l-konvenut Bugeja ma kkontestax l-istess u lanqas talab spjegazzjoni dwarhom.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:-**

1. **Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Bugeja;**
2. **Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-imsejha fil-kawza fis-sens li ma kellha l-ebda responsabbilta' ghal dak li gara;**
3. **Tilqa' t-talbiet tal-atturi fil-konfront tal-konvenut Bugeja u tikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta' tlett elef u seba' mitt ewro (€3,700) bl-imghax mil-lum.**
4. **Tichad it-talbiet in kwantu dawn huma ndirizzati fil-konfront tal-kumpannija konvenuta.**

**Spejjez a karigu tal-konvenut Bugeja. Fil-konfront tal-imsejha fil-kawza l-ispejjez ghandhom jaghmlu tajjeb ghalihom l-atturi gialadarba ssejhet fil-kawza**

---

[2] Matul id-9 snin multiplier il-paga minima nazzjonali hu mistenni li tizdied kull sena, kif jirrizulta li zdiedet mid-data tal-incident sal-lum.

[3] Mid-data tal-incident ghaddew tlett snin u l-kawza giet prezentata fid-29 ta' Novembru 2012.

**fuq talba taghhom, b'dan li l-ispejjez ghandhom jirkuprawhom minghand il-konvenut Bugeja peress li d-difiza tieghu kienet li r-responsabbilta ghall-incident ma kenitx tieghu izda tal-imsejha fil-kawza.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------